**Il-Ġimgħa**

**Ir-IV ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Kristu, dawl tassew, bla bidu,
int li ħlaqt id-dawl, ismagħna:
dawwal bik il-jum li bdejna,
ħa ngħadduh għall-glorja tiegħek.
2.
Bil-għajnuna tiegħek, għadda
dlam il-lejl minn fuq wiċċ artna;
iż-żerniq bi bjuda fietla
kesa d-djar u r-raba' tagħna.
3.
Diġà ntfew il-kwiekeb kollha,
qtar in-nida jleqq bil-ħmura;
taħt in-nar tax-xemx li tielgħa
qed jitliegħeb fwar il-ħajja.
4.
Int il-jum tal-jiem, o Alla,
dawl u dija fik innifsek:
sebħ u ġmiel il-libsa tiegħek,
xemx saltnatek qatt ma tinżel.
5.
Iddi fuqna, Dawl ta' dejjem,
u ħeġġiġna b'nar imħabbtek,
biex naraw fil-glorja lilek,
lill-Missier u lill-Ispirtu. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.
L-Għid: Kristu ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju lil Alla, hallelujah.

**Salm 50 (51)**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; *
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; *
naddafni mid-dnub tiegħi.

Għax jien nagħrafhom ħtijieti; *
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.

Kontrik biss jiena dnibt, *
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.
Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek, *
u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.

Ara, jiena ssawwart fil-ħtija, *
u fid-dnub nisslitni ommi.
Int li tħobb il-qalb sinċiera, *
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.

Roxxni bl-ilma, u nissaffa; *
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena, *
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.

Dawwar wiċċek minn ħtijieti; *
ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla, *
u spirtu qawwi ġedded fija.

La twarrabnix minn quddiemek; *
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, *
u bi spirtu qalbieni wettaqni.

Lill-midinbin ngħallem triqatek, *
u l-ħajtin lejk jerġgħu lura.
Eħlisni mill-piena tal-mewt, o Alla, †
Alla tas-salvazzjoni tiegħi; *
u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek.

Iftaħli xufftejja, Sidi, *
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; *
noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; *
qalb maqsuma u sogħbiena
ma twarrabhiex, o Alla.

Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek; *
erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Imbagħad tilqa' bil-qalb vittma xierqa, †
sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u mitmuma; *
imbagħad joffrulek għoġiela fuq l-artal tiegħek.

Ant. Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.
Ant. 2 Ifraħ, Ġerusalemm, għax bik il-bnedmin kollha għad jinġabru quddiem il-Mulej.
L-Għid: Ġerusalemm, belt ta' Alla, int għad tiddi b'dija ta' l-għaġeb, hallelujah.

**Kantiku (Tob 13,8-11.13-14ab.15-16ab)**

Bierku l-Mulej, intom il-magħżulin kollha tiegħu; *
agħmlulu festi ta' ferħ, u agħtuh glorja.
Int, Ġerusalemm, belt ta' Alla, *
għal kull m'għamilt b'idejk il-Mulej sawtek.

Rodd il-ħajr lill-Mulej għall-ġid li għamillek,*
bierek lil Alla ta' dejjem;
ħalli fik jerġa' jibni t-tempju tiegħu †
u jroddlok lura l-imjassra kollha, *
biex għal dejjem ta' dejjem tithenna.

B'dija ta' l-għaġeb għad tiddi; *
tagħtik ġieħ l-art kollha minn tarf għall-ieħor.
Ġnus mill-bogħod għad jiġu għandek, †
bid-doni f'idejhom, *
biex fik jaduraw lill-Mulej.
Artek għalihom tkun art qaddisa, *
għax fik jiġu jsejħu l-isem kbir tal-Mulej.
Int għad titgħaxxaq b'uliedek, *
għax ilkoll għad jitbierku
u jinġabru quddiem il-Mulej.

Hienja dawk kollha li jħobbuk, *
li jifirħu bis-sliem tiegħek.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej! †
Għax il-Mulej, Alla tagħna, *
ħeles lil Ġerusalemm, il-belt tiegħu,
mill-hemm kollu tagħha.

Ant. Ifraħ, Ġerusalemm, għax bik il-bnedmin kollha għad jinġabru quddiem il-Mulej.
Ant. 3 Faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon, li jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu.
L-Għid: Rajt lil Ġerusalemm il-ġdida nieżla mis-sema, hallelujah.

**Salm 147 (147B)**

Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej; *
faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon!

Hu jsaħħaħ l-istaneg ta' bwiebek, *
u jbierek ġewwa fik 'l uliedek
Hu jqiegħed fis-sliem it-trufijiet ta' artek, *
u lilek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.
Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu; *
bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu.
Jibgħat is-silġ bħas-suf; *
ixerred bħar-rmied il-ġlata.
Jitfa' s-silġ bħall-frak tal-ħobż; *

u jagħqad l-ilma bi-kesħa tiegħu.
Isemma', kelmtu, u jinħall is-silġ; *
jonfoħ ir-riħ tiegħu, u jiġri l-ilma!

Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb, *
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.
Ma għamel hekk ma' ebda poplu; *
lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu.

Ant. Faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon, li jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu.

**LEZZJONI QASIRA Gal 2,19b-20**

Jiena ssallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija. Il-ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Insejjaħ lil Alla l-Għoli, * Alla, li jieħu ħsiebi. Insejjaħ.
V. Jibgħat mis-sema jsalvani. * Alla, li jieħu ħsiebi. Glorja. Insejjaħ.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Fil-qalb ħanina tiegħu, Alla tagħna ġie jżurna mill-għoli bħax-xemx tielgħa.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu

fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Fil-qalb ħanina tiegħu, Alla tagħna ġie jżurna mill-għoli bħax-xemx tielgħa.

## PREĊI

Alla jieħu ħsieb il-ħlejjaq kollha tiegħu li fdiehom permezz ta' Ibnu. Għalhekk inqawwu qalbna bit-tama u nitolbuh:
*Wettaq, Mulej, il-qawwa li ħaddimt għalina.*
O Alla ħanin, mexxi l-passi tagħna fi qdusija sinċiera:
- agħtina li naħsbu f'kull ma hu veru u xieraq, f'kull ma jiġbed l-imħabba.
Minħabba f'ismek, Mulej, la titlaqniex għalkollox:
- la tħassarx il-patt tiegħek.
B'qalbna mgħaffġa u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek:
- għax xejn ma jitħawdu dawk li jittamaw fik.
Int, permezz ta' Kristu, sejjaħtilna għall-uffiċċju profetiku:
- ieqaf magħna biex inxandru l-għemejjel sbieħ tiegħek.

**Missierna**
## Talba

Mulej, sawwab il-kotra tal-grazzja tiegħek fuqna, qaddejja umli tiegħek, u għinna nħarsu l-kmandamenti tiegħek, biex ingawdu l-faraġ f'din il-ħajja u naslu fl-hena ta' dejjem fis-sema. B'Ibnek.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**